MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KEVIN MOMPALAO**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2013

Talba Numru. 23/2012

B2B Supplies Ltd (C31866)

Vs

Melchiore Dimech kemm f'ismu propju kif ukoll bhala ezercenti l-kummerc taht l-isem 'Ultimate Detregent'

It-Tribunal:-

Ra l-avviz tat-talba prezentat fl-ghoxrin (20) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnax (2012) li bih il-kumpanija attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lilha s-somma ta' sitt mija u tmintax-il ewro u erbghin centezmu (€618.40) liema ammont jirraprezenta prezz ta' merce mibjugha u kkonsenjata. Bl-ispejjes u bl-imghax legali.

It-Tribunal ra r-riferta negattiva tal-konvenut.

Ra d-digriet tieghu tal-hamsa (5) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) fejn awtorizza n-notifka tal-konvenut permezz tal-publikazzjoni u l-affissjoni.

Ra r-riferti ta' tali notifika a fol tergo 27, 28, u 29 tal-inkartament tal-process.

Ra ukoll il-publikazzjoni maghmula fil-gurnal 'The Malta Independent' tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012).

Ra illi l-konvenut debitament notifikat bil-publikazzjoni u affissjoni qatt ma prezenta risposta u qatt ma deher quddiem it-Tribunal biex jikkontesta t-talba.

Sema' ix-xhieda ta' Dr. Damien Bigeni moghtija fis-seduta tal-hmistax (15) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettx (2013).

Sema' l-qari tal-kapitolu.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ra wkoll d-digriet tieghu tal-hmistax (15) ta’ Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) li permezz tieghu ddeferixxa din il-kawza ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum .

Ikkunsidra.

Illi wara li saret in-notifika permezz ta’ publikazzjoni u affissjoni, l-konvenut Melchiore Dimech la deher biex jikkontesta t-talba quddiem it-Tribunal u lanqas ma prezenta risposta.

Illi n-notifika bil-publikazzjoni u l-affissjoni saret f’dati differenti bl-ahhar wahda tkun il-publikazzjoni fil-gazzetta ‘The Malta Independent’ fit-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012).

It-Tribunal sema’ bil-gurament lil Avukat Dottor Damien Bigeni rapprezentant tal-kumpanija attrici liema xhud ikkonferma illi d-debitu favur il-kumpanija tieghu ghadu dovut fl-intier tieghu. Mid-dokumenti esebiti jirrizulta wkoll illi dawn jikkorraboraw dak li xehed l-istess xhud. Illi dan id-debitu wkoll gie kkonfermat tacitament bil-kapitoli li gew ikkonsidrata bhala mistqarra.

Fil-kumpless tac-cirkostanzi u l-provi kollha u fin-nuqqas ta’ oppozizzjoni da parti tal-konvenut, it-Tribunal jidhirlu illi t-talba tal-kumpanija attrici hija wahda gusta u timmerita li tigi akkolta. Izda dan biss fil-konfront ta’ Melchiore Dimech personalment. Il-fatt li Melchior Dimech kien jezercita l-kummerc taht isem tan-negozju ‘Ultimate Detregent’ bl-ebda mod ma johloq xi personalita guridika distinta li tista tigi mharrka, u ghalhekk l-inkluzzjoni ta’ dan l-isem tan-negozju l-okkju tal-kawza hija wahda superfluwa.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa t-talbiet tal-kumpanija attrici, jikkundanna lill-konvenut Melchiore Dimech ihallas is-somma ta' sitt mija u tmintax-il Ewro u erbghin centezmu (€618.40). Bl-imghax mil-prezentata ta' dan l-avviz 'l quddiem. L-ispejjez kollha ikunu a karigu tal-konvenut Melchiore Dimech.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------